

DEĊIJONIJIET

DECİJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1019

tat-22 ta' Ġunju 2021

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament tal-Fond, inkluż it-tieni ħlas parpjali għall-2021

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ġdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjaru applikabbi għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 19 sa 22 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-ammont tat-tieni ħlas parpjali tal-kontribuzzjoni għall-2021 u ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għall-2021, fejn l-ammont ivarja mill-bżonnijiet reali.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, fis-6 ta' April 2021, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) bagħat l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti taħt l-instrumenti li jamministra lill-Kummissjoni.
- (3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877, l-ewwel is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jeżawrixu l-ammonti stabbiliti għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp preċedenti. Għaldaqstant jenħtieġ li ssir sejħa għal fondi skont ir-Regolament (UE) 2018/1877 għall-Kummissjoni u għall-BEI.
- (4) Skont l-Artikoli 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (³) ("il-Ftehim dwar il-ħruġ"), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") għandu jibqa' Parti għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) sal-egħluq tal-11-il FEŻ u ta' kull FEŻ preċedenti mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, is-sehem tar-Renju Unit ffondi diżimpennati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ, meta dawk il-fondi jkunu ġew diżimpennati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew FEŻ preċedenti, ma għandux jerġa' jintuża.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1708 (⁴) tistabbilixxi li l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni jiet tal-Istati Membri fil-FEŻ għall-2021 huwa ta' EUR 3 700 000 000 għall-Kummissjoni u EUR 300 000 000 għall-BEI.
- (6) Sabiex il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġi applikati minnufi, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fid-datal-pubblikazzjoni tagħha f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

(¹) ĠUL 210, 6.8.2013, p. 1.

(²) ĠUL 307, 3.12.2018, p. 1.

(³) ĠUL 29, 31.1.2020, p. 7.

(⁴) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1708 tat-13 ta' Novembru 2020 dwar il-kontribuzzjoni jiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri biex jiffinanzjaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2022, l-ammont annwali għall-2021, l-ewwel pagament parpjali għall-2021 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti tal-ammonti annwali mistennija tal-kontribuzzjoni jiet għas-snin 2023 u 2024 (ĠUL 385, 17.11.2020, p. 13).

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Il-Partijiet fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għandhom iħallsu il-kontribuzzjonijiet individwali tal-FEŻ lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, bħala t-tieni ħlas parzjali tal-2021, skont l-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' Ġunju 2021.

*Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS*

ANNESS

| L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT | Skema ta' ridistribuzzjoni tal- 11-il FEŻ f% | It-2ni ħlas parorzali tal-2021 (EUR) | | Totali |
|-----------------------------------|--|--------------------------------------|------------------|------------------|
| | | Il-BEI | Il-Kummissjoni | |
| | | Il-11-il FEŻ | Il-11-il FEŻ | |
| IL-BELĠJU | 3,24927 | 4 224 051,00 | 38 991 240,00 | 43 215 291,00 |
| IL-BULGARIJA | 0,21853 | 284 089,00 | 2 622 360,00 | 2 906 449,00 |
| IĊ-ĊEKJA | 0,79745 | 1 036 685,00 | 9 569 400,00 | 10 606 085,00 |
| ID-DANIMARKA | 1,98045 | 2 574 585,00 | 23 765 400,00 | 26 339 985,00 |
| IL-ĠERMANJA | 20,57980 | 26 753 740,00 | 246 957 600,00 | 273 711 340,00 |
| L-ESTONJA | 0,08635 | 112 255,00 | 1 036 200,00 | 1 148 455,00 |
| L-IRLANDA | 0,94006 | 1 222 078,00 | 11 280 720,00 | 12 502 798,00 |
| IL-GREĊJA | 1,50735 | 1 959 555,00 | 18 088 200,00 | 20 047 755,00 |
| SPANJA | 7,93248 | 10 312 224,00 | 95 189 760,00 | 105 501 984,00 |
| FRANZA | 17,81269 | 23 156 497,00 | 213 752 280,00 | 236 908 777,00 |
| IL-KROAZJA | 0,22518 | 292 734,00 | 2 702 160,00 | 2 994 894,00 |
| L-ITALJA | 12,53009 | 16 289 117,00 | 150 361 080,00 | 166 650 197,00 |
| ĊIPRU | 0,11162 | 145 106,00 | 1 339 440,00 | 1 484 546,00 |
| IL-LATVJA | 0,11612 | 150 956,00 | 1 393 440,00 | 1 544 396,00 |
| IL-LITWANJA | 0,18077 | 235 001,00 | 2 169 240,00 | 2 404 241,00 |
| IL-LUSSEMBURGU | 0,25509 | 331 617,00 | 3 061 080,00 | 3 392 697,00 |
| L-UNGERIJA | 0,61456 | 798 928,00 | 7 374 720,00 | 8 173 648,00 |
| MALTA | 0,03801 | 49 413,00 | 456 120,00 | 505 533,00 |
| IN-NETHERLANDS | 4,77678 | 6 209 814,00 | 57 321 360,00 | 63 531 174,00 |
| L-AWSTRIJA | 2,39757 | 3 116 841,00 | 28 770 840,00 | 31 887 681,00 |
| IL-POLONJA | 2,00734 | 2 609 542,00 | 24 088 080,00 | 26 697 622,00 |
| IL-PORTUGALL | 1,19679 | 1 555 827,00 | 14 361 480,00 | 15 917 307,00 |
| IR-RUMANIJA | 0,71815 | 933 595,00 | 8 617 800,00 | 9 551 395,00 |
| IS-SLOVENJA | 0,22452 | 291 876,00 | 2 694 240,00 | 2 986 116,00 |
| IS-SLOVAKKJA | 0,37616 | 489 008,00 | 4 513 920,00 | 5 002 928,00 |
| IL-FINLANDJA | 1,50909 | 1 961 817,00 | 18 109 080,00 | 20 070 897,00 |
| L-IŻVEZJA | 2,93911 | 3 820 843,00 | 35 269 320,00 | 39 090 163,00 |
| IR-RENJU UNIT | 14,67862 | 19 082 206,00 | 176 143 440,00 | 195 225 646,00 |
| TOTAL TAL-UE-27 U R-RENJU UNIT | 100,00 | 130 000 000,00 | 1 200 000 000,00 | 1 330 000 000,00 |